# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 29 ta' Novembru 2022**

**Kawza Numru: 4**

**Rikors Guramentat Numru:- 424/2022 JVC**

**Lucy Xerri sive Lucy Scerri**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Lucy Xerri talbet kif isegwi:

1. 'Illi l-esponenti zzewget nhar il-erbgha u ghoxrin (24) t'April tas-sena elf disa' mija tnejn u tmenin (1982) kif jidher l-att taz-zwieg hawn anness u mmarkat 'DOK A';

2. Illi sussegwentement wara z-zwieg, l-esponenti hadet il-kunjom tar-ragel taghha Paul li sfortunatament miet nhar il-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmienja (2008);

3. Illi ricentement, ir-rikorrenti applikat ghat-tigdid tal-passaport u giet infurmata li dan ma jistax issir stante illi l-karta tal-identita taghha (hawn annessa u mmarkata DOK B) turi "Scerri" u mhux "Xerri"u dan abbazi ghal fatt li fl-att taz-zwieg surreferit, l-kunjom tar-ragel qieghed imnizzel "Xerri";

4. Illi l-esponenti tixtieq tirrileva illi missier Paul huwa Anthony li twieled nhar il-hdax (11) ta' Mejju tas-sena elf disa mija u erbatax (1914), li juri l-kunjom "Scerri", kopja tac-certifikat tat-twelid huwa hawn anness u mmarkat DOK C;

5. Illi l-esponenti tixtieq tirrileva li hi deijem uzat il-kunjom "Scerri" tul hajjitha shih minn mindu zzewget, tant illi kull dipartiment, bhal dawk tad-dawl u ilma hawn anness u mmarkat DOK D, jixhdu l-kunjom "Scerri" stante li l-esponenti dejjem uzat il-karta tal-identita taghha;

6. Illi in linea mas-suespost, it-tfal tal-esponenti, Charmaine Pace Scerri u Kevin Scerri wkoll dejjem uzaw il-kunjom "Scerri" u dan skont ic-certifikat tat-twelid taghhom u l-karta tal-identita taghhom, hawn annessi u mmarkati DOK E, DOK E1, DOK F u DOK F1 rispettivament;

7. Illi l-esponenti tixtieq illi ggedded il-passaport taghha fejn 1-istess ghandu jixhed il-kunjom bhala "Scerri" u dan sabiex ma ikunx hemm inkonsistenza u diffikultajiet ma' dipartimenti ohra stante ghal fatt li l-esponenti deijem uzat il-kunjom "Scerri" kif

jixhed l-karta tal-identita taghha li diga giet annessa ma' dan l-umli rikors u sabiex hi tixhed l-istess kunjom tat-tfal taghha.

Ghar-ragunijiet suesposti, ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tordna l-pubblikazzjoni tal-avviz. fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel dawk il-korrezzjonijiet mehtiega fl-att taz-zwieg bi numru 594/1982 u fuq kull att iehor tal-istat civili, b'dan li kull fejn kunjom ir-rikorrenti jidher miktub "Xerri" dan ghandu jigi mhassar u sostitwit bil-kunjom "Scerri", u dan ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;

3. Tordna li l-esponenti ghandha, f'kull dokument, inkluz il-passaport, ghandha tixhed il-kunjom "Scerri";

4. Tordna ghall-finijiet tal-Artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u jekk joghgobha din l-Onorabbli Qorti, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja vera tas-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti u fiz-zmien imsemmi f'dan l-artikolu hu jaghmel it-tibdiliet mehtiega fl-atti tal-istat civili msemmi fil-paragrafi precidenti u dan salv kull provediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu min issa ingunt in subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimat Direttur tar-Regitsru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi in vena preliminari, għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

3. Illi fil-każ odjern, jirriżulta illi r-rikorrenti Lucy twieldet il-Għargħur u li fl-24 t'April tal-1982, hija żżewġet lil Paul Xerri u adottat kunjomu skont il-liġijiet viġenti. Mill-att taż-żwieġ tal-koppja nnumerat 594/1982, kopja ta' liema tinsab annessa mar-rikors ġuramentat promotur u mmarkata Dok. A, jirriżulta illi żewġha Paul kellu l-kunjom Xerri, u li Xerri huwa wkoll il-kunjom li jappartjeni lil missieru Anthony u lil ommu Carmela fuq l-istess att taż-żwieġ;

4. Illi r-rikorrenti tispjega illi minkejja l-fatt li fl-atti tal-istat ċivili relattivi, jidher li kunjom żewġha huwa Xerri, huma effettivament kienu dejjem magħrufin bil-kunjom Scerri, kif jixhdu dokumenti uffiċjali li ġew annessi mar-rikors promotur. Hija ppreżentat ukoll iċ-ċertifikat tat-twelid ta' missier żewġha Paul, Antonio, biex turi li l-kunjom tal-familja ta' żewġha dejjem kien 'Scerri'. Qed ikun irrilevat, pero', illi fl-att tat-twelid ta' Paul, missieru Anthony u ommu Carmela huma indikati bil-kunjom 'Xerri', u li l-missier, li kien il-persuna li għamel id-dikjarazzjoni tat-twelid ta' ibnu Paul, iffirma l-att tat-twelid bil-kliem 'A Xerri', kif tixhed kopja tal-att tat-twelid oriġinali li qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. DRP 1. Huwa għalhekk evidenti li ma sar ebda

żball da parti tal-esponent, stante li l-kunjom indikat fl-att tat-twelid ta' Paul Xerri huwa dak li kien iddikjarat minn missieru;

5. Illi l-esponent jissottometti illi għalkemm il-pożizzjoni tal-ligi tagħna hija kuntrarja għal tibdiliet fil-kunjom tal-familja, għajr fil-limiti espressament konsentiti bil-liġi, huwa minnu wkoll li l-Qrati tagħna qegħdin ikunu anqas riġidi fil-konsiderazzjonijiet tagħhom ta' talbiet għal bidliet bħal dawn;

6. Illi in vista tal-premess, l-esponent m'għandux oġġezzjoni għal bidla f'kunjom ir-rikorrenti, iżda jrid jirrileva illi fl-umli fehma tiegħu, it-tieni talba kif dedotta ma tistax tintlaqa' minn din l-Onorabbli Qorti stante illi t-tibdil mhux qed jintalab fir-rigward tad-dettalji tar-rikorrenti, iżda fir-rigward ta' żewġha u tal-antenati tiegħu, u dan mhux permess mill-artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, li fis-subartikolu 3 jitkellem biss dwar tibdil f'atti tal-istat ċivili relattivi għar-rikorrenti, għall-ulied, u għad-dixxendenti ulterjuri;

7. Illi bla ħsara għall-premess, fir-rigward tat-tielet talba attriċi, l-esponent jirrileva illi huwa responsabbli biss għall-atti tal-istat ċivili, u li għalhekk ma jistax jintalab iwettaq tibdil f'dokumenti li mhumiex fil-poter tiegħu;

8. Illi finalment, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u li għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.'

Rat li saret id-debita publikazzjoni skont il-ligi esebita a fol. 18 tal-process;

Fil-mertu rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat illi turi illi r-rikorrenti tuza l-kunjom 'Scerri' u mhux 'Xerri';

Rat ukoll l-affidavits esebiti a fol. 25 et seq tal-process fejn ix-xhieda Charmaine Facciol u Kevin Scerri jikkonfermaw li bhala familjari tar-rikorrenti huma juzaw il-kunjom 'Scerri' u huma fil-fatt registrati bil-kunjom 'Scerri'. Rat ukoll l-affidavit tar-rikorrenti fejn tikkonferma li hija dejjem uzat il-kunjom 'Scerri' miktub kif indikat;

In vista tal-provi fl-atti l-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u se tghaddi sabiex tilqa' l-istess;

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;

3. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel dawk il-korrezzjonijiet mehtiega fl-att taz-zwieg bi numru 594/1982 u fuq kull att iehor tal-istat civili fil-

poter tad-Direttur intimat, b'dan li kull fejn kunjom ir-rikorrenti jidher miktub "Xerri" dan ghandu jigi mhassar u sostitwit bil-kunjom "Scerri", u dan ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;

4. Tilqa' t-tielet talba limitatament izda ghad-dokumentazzjoni fil-poter tad-Direttur intimat;

5. Tilqa' r-raba' talba kif dedotta.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**29 ta' Novembru 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Novembru 2022**